**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 609 / 2011**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Chris Pullicino]**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Clayton Cremona**

**-Omissis-**

**-Omissis-**

Illum, 30 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Clayton Cremona detentur tal-karta tal-identita` numru 442185 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar is-7 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 1630hrs gewwa Santa Venera, ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li waqt kien qed jaghmel jew

minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surgent PS430 Andrew St John hekk kif gie ccertifikat minn Dr Agnes Cachia MD tal-isptar Mater Dei;

4. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f' diversi imkejjen f' dawn il-gzejjer, b' diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rezoluzzjoni wahda gabu ruhom b' mod li taw fastidju lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone u/jew b' mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuni;

5. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f' diversi imkejjen f' dawn il-gzejjer l-imgieba taghhom ikkagunat biza' lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Art. 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil -Omissis-

6. -Omissis-

7. -Omissis-

Lil Clayton Cremona wahdu akkuzat ukoll talli:

8. Nhar is-7 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 1630hrs gewwa Santa Venera, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' PS430 Andrew St John f' perikolu car, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq vettura CAC483 fid-direzzjoni ta' l-imsemmi surgent tal-Pulizija u sussegwentement rassu mal-hajt bl-istess vettura, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' vettura Peugeot numru ta' registrazzjoni CAC483 u diversi oggetti u flus kontanti li kien hemm fl-istess vettura liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta' PS430 Andrew St John u/jew persuna/i ohra;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Honda Del Sol bin-numru tar-registrazzjoni CBF879, liema hsara li tiskorri elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro saret ghad-dannu ta' Diana Tabone u/jew persuna/i ohra;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u f' imkejjen ohra f' dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CAC483, liema hsara li tiskorri elf

mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro saret ghad-dannu ta' PS430 Andrew St John u/jew persuna/i ohra;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC483, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b' mod perikoluz;

13. U aktar talli ikkommetta reat/delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u datati 23 ta' Gunju, 2010 u 22 ta' Ottubru 2010;

14. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f' kaz ta' htija, tiskwalifika lil -Omissis- u Clayton Cremona milli jkollhom jew milli jiksbu licenzja tas-sewqan ghall-dak iz-zmien li jidhrilha l-Onorabbli Qorti;

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offizi cioe` Kimberley Cutajar, Diana Tabone u PS430 St John jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f' kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll illi f' kaz ta' htija, tikkundanna lil akkuzati ihallsu l-ispejjez kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f' dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-21 ta' Marzu, 2022, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Clayton Cremona hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u illiberatu minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t' April, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati skont l-akkuzi u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi fl-24 ta' Marzu, 2022, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessu u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest fejn l-ewwel Onorabbli Qorti, permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia, ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet kif migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet interpretazzjoni hazina

u apprezzament zbaljata tal-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih minhabba f' li, skond dik l-Onorabbli Qorti il-provi migjuba kienu konfliggenti, ma kinux l-ahjar prova u ma kinux bizzejjed biex r-reati jigu ppruvati oltre kull dubju ragonevoli;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati iddecidiet li tillibera lil Clayton Cremona ghaliex fil-fehma taghha:

> *"Illi minn qari akkurat tal-atti processwali u tax-xhieda mressqa, kemm mill-prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza, johrog car il-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-akkuzi dedotti kontra l-imputat oltre kull dubju dettat mir-raguni. Johrog car ukoll li hemm kunflitt fl-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti odjerni.*
>
> *Illi min-naha wahda, u cioe' da parti tal-Prosekuzzjoni, xehed il-parte civile, Andrew St John, li kien l-uniku xhud li gharraf lill-imputat bhala l-bniedem li saq il-vettura tieghu. Ix-xhieda l-ohra kollha mressqa mill-prosekuzzjoni, fosthom ukoll xhieda okulari bhalma huma Kimberley Cutajar u Diana Tabone, qatt ma semmew lill-imputat fix-xhieda taghhom. Mhux talli hekk biss, talli waqt il-provi tad-difiza xehed Bradley Xuereb fejn qal l-oppost ta' dak li qal il-parte civile. Di fatti Bradley Xuereb qal li l-imputat ma rikibx il-vettura ta' Andrew St John izda telaq bil-mixi fid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol. Ghaldaqstant l-unici xhieda li semmew l-imputat taw zewg verzjonijiet kontrastanti hafna ghal-xulxin.*
>
> *Illi aparti minn hekk il-qorti tinnota li inizjalment kien hemm erba' imputati u mhux Clayton Cremona biss. Ghalhekk fil-fixkla tal-mument huwa possibbli li l-parte civile fiskel lill-imputat ma imputati iehor u ghalhekk hawnhekk johrog l-element tad-dubju – b' mod specjali meta l-Qorti tara x-xhieda ta' Bradley Xuereb li huwa ferm differenti.*

*[…]*

*Illi aparti l-kuntrast fil-provi, il-Qorti tinnota li ma ngabux provi ohra kontra l-imputat. Di fatti hemm nuqqas fl-atti processwali ta' provi kontra l-imputat tant li minnn mkien ma jirrizulta xi forma ta' ngurja jew theddid u ghalhekk ma tistax tirrizulta l-ewwel (1) akkuza.*

*Bl-istess mod ma jirrizultawx it-tieni (2), it-tielet (3) u s-sitt (6) akkuzi fuq bazi ta' kunflitt ta' provi.*

*Illi ghar-rigward ir-raba (04) u l-hames (05) akkuza ma ngabet l-ebda prova dwar dan mill-prosekuzzjoni. Mhux talli hekk, talli Kimberley Cutajar u Diana Tabone lanqas biss isemmu lill-imputat waqt id-depozizzjoni taghhom u di fatti lanqas gharfu l-imputat fl-awla;*

*Illi fir-rigward tas-seba (07), it-tmien (08) u d-disa' (09) akkuza, il-fatt li jezisti dubju serju minhabba l-kunflitt fil-provi mressqa u provi li ma gewx korroborati, il-qorti ma tistax tkun konvinta oltra d-dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq il-vettura ta' Andrew St John, jew li seraq il-flus li jappartjenu lill-parte civile. Bl-istess mod ma tezisti l-ebda prova li kien l-imputat li haraq il-vettura tal-parte civile jew li saq b' manjera perikoluza.*

*Illi fil-kaz odjern evalwat dan il-kuntrast fil-provi u l-fatt li ma jezistux provi alternativi kontra l-imputat, il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju ragjonevoli illi l-iimputat huwa hati tar-reati addebitati lilu.*

*Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu imur favur l-imputat.*

*Illi aparti minn hekk fil-kamp kriminali huwa wkoll ben risaput illi jispetta propju l-prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova u tipprova l-kaz taghha. Fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni naqset milli taghmel dan."*

Illi l-esponent ihossu aggravat dwar il-fatti li kull punt mqajjem mill-ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati iwassal ghal interpretazzjoni u apprezzament hazin tal-provi kif irrizultaw mill-atti processwali u ghaldaqstant qieghed iqajjem is-segwent punti fir-rigward tal-provi migjuba fl-atti processwali;

Illi s-surgent PS430 Andrew St John meta xehed fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena 2011, (misjuba a fol 42 tal-atti processwali) cioe biss ftit granet wara l-akkadut kien ta spjegazzjoni cara ta' dak li kien gara fil-gurnata tal-incident u fil-fatt spjega fid-dettall kif dak inhar hu ma kienx xoghol u kien ghaddej ghall-affari tieghu meta lemah karozza qed issuq b' mod traskurat, bi speed eccessiv u fil-karreggata l-hazina, spjega kif induna li kien hemm zewg karozzi jsegwu lil xulxin u spjega kif f' mument meta dawn kienu warajh u ma kellhomx fejn jaqbzuh, hu kien naqqas l-ispeed tal-karozza tieghu b' tali mod li dawn waqfu warajh;

Illi s-surgent kompla biex jaghti spjegazzjoni dettaljatissima ta' kif dawn li waslu warajh kienu gewwa certu karozzi specifici u kompla biex jghid li gewwa l-karozza li kienet qed tahrab lil ta warajha kien hemm zewg tfajliet li kienu jidhru ghadhom zaghar, spjega kif meta waqfu, it-tfajliet bdew jghidulu ' suq, suq, suq ghax ha jweggghuna' u kien f' dak il-mument li huwa qalilhom li kien pulizija hekk kif ghajjat li kien pulizija, avvicina ukoll l-karozza l-ohra fejn anke lilhom kien avzahom li kien pulizija;

Illi hekk kif avzahom li kien pulizija, dawn ippruvaw jaharbu minn fuq il-post u s-surgent fix-xhieda tieghu ghamilha cara illi kienu qeghdin jippruvaw

iwegguh ukoll, dan mhux talli qalu fix-xhieda tieghu biss, izda l-istess punt kien qalu ukoll fix-xhieda moghtija lill espert mahtur fl-inkjesta, li tinsab a fol 462;

Illi s-surgent kien qal illi oltre l-fatt li ppruvaw iweggawh meta pprova iwaqqaf l-ewwel karozza, kien identifika lill-akkuzat bhala l-persuna li hareg minn dik l-karozza u mar jigri lejn l-karozza tieghu stess u hekk kif mar iwaqqfu hu, l-akkuzat kien ipprova iweggghu serjament, fil-fatt s-surgent fix-xhieda tieghu qal s-segwenti(fol 48-49):

> *"Fl-istess hin qed nara li gej arblu minn fuq il-bankina ghax f' nofs il-bankina, alavolja l-bankina hija dejqa hekk, ftit il-fuq hemm arblu jekk mhux sejjer zball hux tal-injam jew ta' xi haga imma naf li kien hemm arblu, assument mal-ewwel ghedt dan kif ha jghaddi xbrixx minn mieghu lili se jaqtani minn nofsu u hadt id-decizjoni li nitlaq ruhu lura b' xi mod. Intlaqt lura, naf illi dak il-hin it-tyre ta' wara rikeb fuq il-bankina ghax naf li qlajt daqqa kbira bil-karozza li faqqatni catt mal-hajt, jigifieri ghandi daqqiet hawnhekk li jistghu juru kollox u hbatt tahbita tajba mal-hajt u mal-bankina fuq din is-sieq. Basically minn wara dahri stajt nisma hoss ta' daqqa u assumejt li ghax nizlet il-bankina jew laqtet xi haga"*

Illi dak li xehed is-surgent hekk kif deskritt fil-paragrafu precedenti huwa korroborat mir-rapport ippreznetat minn PS1261 Charles Pace li jinsab a fol 400 tal-process, fejn mal-istess rapport gew ezebiti numru ta' ritratti, fost liema ritratti, cioe dawk li jgibu referenza FS11091711 BJG73-76, wiehed jara kemm l-arblu li qieghed jirreferi ghalih s-surgent kif ukoll l-hajt wara l-arblu li jidher li ntlaqat minn karozza b' zeba' bajda, u dan ir-ritratt irid jigi interpretat fid-dawl ta' dak il-hoss ukoll li sema' s-surgent;

Illi dak kollu li qal is-surgent gie kkorroborat minn Diana Tabone fix-xhieda taghha moghtija kemm waqt il-proceduri li tinsab a fol 131 *et sequitur* kif ukoll

lill-espert mahtur fl-inkjesta *a tempo vergine* misjuba a fol 430 et seq. Fejn hi qalet is-segwenti:

*"Xhud: Le, le kellu minn fejn jghaddi.*
*Pros: Kellu minn fejn jghaddi, pero, x' ghamel hu?*
*Xhud: Baqa diehel gol-hajt*
*Pros: Ghal xiex, skont inti min dak li rajt inti ghalxiex?*
*Xhud: Jien rajtha apposta.*
*Pros: Ghamila apposta jigifieri.*
*Xhud: iva bhal ma ghamel il-karozza tieghi. (fol133-134)*

*[…]*

*Kif rajnieh sejjer lejhom ahna hrigna mill-karozza taghna u smajnieh jghidilhom li hu kien pulizija. (fol 432)*

*[…]*

*F' hin minnhom anki gibed appopsta ghal-gol hajt sabiex iweggghu u nahseb li ghafsu wkoll mal-hajt. Dak il-hin is-surgent inqala' u waqa' mal-art (fol. 433)*

*[…]"*

Illi dan li qal is-surgent gie ukoll kkorroborat minn Kimberley Cutajar fix-xhieda taghha, kemm fil-mori tal-proceduri, a fol 125 tal-process, kemm f' dik li tat lill-espert fl-inkjesta magisterjali *a tempo vergine*, fejn stqarret illi:

*"Is-CID beda jghid ' tmissunix ghax jiena CID' , wiehed minnhom li kien fil-karozza ma Bradley Xuereb mar fil-karozza tas-CID x' hin ra hekk mar ghall*

*karozza tieghu s-sewwieq li kien qieghed isuq dawwar l-isteering u rassu mal-hajt u baqa sejjer. (fol.126-127)*

*[…]*

*Intlaqat mela, ehe ghax imbaghad x' hin waqa mal-art kellu hawn bid-demm, tkaxkar hekk. (fol. 128)*

*[…]*

*Hekk kif wasal mal-karozza ta' Bradley, dan ir-ragel beda jghidilhom li hu pulizija tas-CID u Bradley beda jirriversja biex jipprova jahrab kif stajt nifhem jien. Dan il-pulizija beda jipprova jzommu u dahhal anke rasu fil-karozza sabiex jipprova izommu milli ikompli isuq (fol 435).*

*[…]*

*Naf li rajt dan is-surgent jitkaxkar mal-hajt b' tali mod li kien qed isuq il-karozza ma hallielux minn fejn seta' johrog.*

*Naf li Bradley Xuereb hu habib ta' Keith Cremona. Inzid nghid illi l-pulizija meta kien qed jigri, kien qieghed hdejn in-naha tad-driver fejn kien hemm wiehed mill-4 li semmejt, (aparti Bradley u Travis Xuereb) li ha u saq il-vettura hamra tal-pulizija.*

*Nikkoregi lili nnifsi fejn fit-tieni pagna tal-istqarrija semmejt li xi hadd qabad id il-pulizija, pero m' inix cert jekk xi hadd qabadlux idu izda nghid li smajt lill-Pulizija jghid biex ma jmissuhx.*

*Nahseb li r-raba' guvni li ddeskrivejtu bhala mibrum minn zaqqu, kien dak li ha u saq il-vettura tal-pulizija pero ma nafx jekk dak li jista' jkun Keith Cremona kienx fil-vettura jew le. (fol. 455)"*

Illi mix-xhieda guramentata taghha, Kimberley Cutajar tat indikazzjoni cara li kien Clayton Cremona li kien qieghed isuq il-karozza tas-surgent tal-pulizija, u dan minkejja l-fatt li ma kinitx certa min kien, oltre minn hekk ikkonfermat l-istess fatti li kien qal is-surgent fix-xhieda tieghu;

Illi s-surgent kien ta' verzjoni identika ta' kif graw il-fatti tal-kaz kemm fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-espert kif ukoll fix-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u huwa propju ghalhekk li l-esponent ma jistax jifhem kif qatt l-ewwel Onorabbli Qorti setghet waslet ghal konkluzjoni li ma setghax jitwemmen oltre kull dubju ragonevoli, specjalment meta wiehed iqis il-fatt li dak li qal is-surgent gie korroborat mix-xhieda l-ohra;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti strahet hafna fuq xhieda moghtija minn Bradley Xuereb li nghatat f' seduta fl-10 ta' Dicembru 2020, cioe disa' snin u nofs wara l-akkadut, fejn l-istess Qorti erroneament hasset li Xuereb xehed b' mod kredibbli;

Illi certament, s-surgent kien hafna iktar car u metikoluz fix-xhieda tieghu li nghata *a tempo vergine* kif ukoll ftit tal-granet wara fil-qorti viva voce, huwa propju ghalhekk illi huwa xhud kredibbli hafna fejn ix-xhieda tieghu hija wahda li l-ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu dovut, kellha tistrieh fuqa ghaliex kienet daqstant cara u nghatat fi zmien qarib hafna ta meta effettivament kien gara l-akkadut;

Illi jekk wiehed jifli x-xhieda moghtija minn Xuereb li certament hija konfliggenti ma dik tas-surgent, wiehed jista jasal ghal-konkluzjoni li din ma

tantx hija xhieda li tista tkun kredibbli, u dan peress li ma hijiex preciza u fiha hafna inkonsistenzi. Fil-fatt, fl-istess xhieda, Xuereb jghid is-segwenti

*"Supretendent Robert Vella: Issa tiftakar li jiena, tiftakar li way back dak iz-zmien mal-ispettur Pullicino kien hemm anke jien prezenti ghal din l-istqarrijiet?*

*Bradley Emanuel Xuereb: Ma niftakarx.*

*Supretendent Robert Vella: Jigifieri inti lil Clayton ma tiftakrux riekeb gol karozza.*

*Bradley Emanuel Xuereb: Gol karozza tieghi?*

*Supretendent Robert Vella: Tas-surgent?*

*Bradley Emanuel Xuereb: U zgur li le. Jien anqas biss rajtha l-karozza tas-surgent ghax kelli karozza quddiemi. U kif ghedtlek kont qieghed gol karozza u dak beda jitlobni c-cavetta."*

Illi trid tinqara ukoll l-istqarrija tal-istess Xuereb in konnessjoni ma dan li nghatat *a tempo vergine* nhar it-08 ta' Mejju 2011 u li tinsab a fol 118 tal-process, fejn Xuereb stqarr is-segwenti mal-pulizija:

*"Keith rajtu jitlaq bil-mixi* ***<u>filwaqt dak li rikeb il-karozza tal-pulizija u telaq biha kien Clayton Cremona.</u>***[1] *Nippreciza li Keith telaq wara li kienet diga nsterqet l-karozza tal-pulizija.*

[1] Emfazi mizjuda mill-esponent.

*Jien ma rajtux fil-karozza fil-verita' . Pero ftit sekondi wara li rajt lil Clayton sejjer lejn il-karozza imbaghad smajt twerzieq ta' tyres u lil Pulizija jghajjat biex ma johodielhux."*

Illi peress li x-xhieda ta' St John kienet korroborata kemm mit-tfajliet u kemm mir-ritratti ezebiti mis-Soco, peress li kienet xhieda kredibbli, konsistenti u cara u peress li kien gie ikkonfermat ukoll li Clayton Cremona kien fuq il-post u a tempo vergine anke Xuereb kien ikkonferma li kien hu li kien saq il-karozza tas-surgent, u li kien ukoll fil-karozza tal-akkuzati l-ohrajn meta kienu qeghdin isegwu lit-tfajliet, ma jistghax l-esponent jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx lil dak li ntqal minn St John u ghaldaqstant tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dak li qal s-surgent St John, mkien ma gie ribattut b' xi mod li wiehed jista jishaq li kien kredibbli u fil-fatt jekk s-surgent kien kredibbli f' kull ma qal u kien preciz, certament ma setghax ihawwad min kien il-persuna li kien hadlu l-karozza;

Illi s-surgent kien spjega ukoll x' kellu u ma kellux fil-karozza li kienet insterqet mill-imputat u kien spjega ghaliex kellu dawk il-flus u affarijiet ohra u x' kien se jaghmel bihom;

Illi matul il-proceduri xehdu ukoll l-espert Mario Buttigieg u l-Profs Alfred Vella fejn dawn ezebew ir-rapporti taghhom li jinsabu a fl 293 u fol 406 et seq.

Illi fl-istadju tal-provi taghhom, il-prosekuzzjoni kienu pproducew ukoll aktar xhieda li kienu involuti fl-investigazzjonijiet u kienu gew ezebiti d-dokumenti relevanti fil-konfront tal-akkuzi li kien qieghed jaffaccja Clayton Cremona u anke fir-rigward tas-sentenzi fil-konfrnt tieghu;

Illi x-xhieda moghtija minn Bradley Xuereb fl-2020, meta l-kaz kien gara fl-2011, ma kinitx wahda kredibbli u lanqas qatt ma setghet tqanqal xi dubju fir-rigward tal-veracita ta' dak kollu li qal s-surgent St John jew x-xhieda kollha migjuba mill-prosekuzzjoni;

Illi fir-rigward ta' kredibilita' ta' xhieda, jekk hemm kunflitt, dan ma jfissirx illi necessarjament ha jwassal ghal-liberatorja tal-akkuzat, fil-fatt, il-qrati nostrana ppronunzjaw ruhom diversi drabi f' dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet ippronunzjat ruha fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Thorne deciza fid-9 ta' Lulju 2003 fejn provdiet is-segwenti:

> *"Mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix se temmnu jew ma temmnux."*

Illi oltre kwalunkwe dubju, wara li jinqraw l-atti processwali u x-xhieda kollha tal-process, wiehed ma jistghax hlief jasal ghal konkluzjoni li Clayton Cremona huwa effettivament hati tar-reati kollha addebitati lilu, kien mal-akkuzati l-ohra li kienu qeghdin fuq il-post, f' dak il-hin, u kien hu li seraq il-karozza tas-surgent u harab minn fuq il-post biha, seraq il-flus li kien hemm fiha, u taha n-nar;

Illi ghalhekk, bir-rispett dovut kollu, il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx wahda li setghet ragonevolment tasal ghaliha specjalment in vista tal-provi migjuba quddiema u dak kollu hawn fuq espost;

Illi huwa biss minhabba l-azzjoni evaziva tieghu illi s-surgent ma sofriex feriti ta' natura iktar serja minn dawk hekk kif iccertifikati mit-tobba f' dan l-incident minhabba l-azzjonijiet li kien ha fil-konfront tieghu l-istess Clayton Cremona;

Illi l-ingredjenti kollha tal-artikoli kollha tal-ligi migjuba kontra Clayton Cremona kienu hemm u dan gie ppruvat fl-atti ta' din il-kawza u johrog car ukoll mix-xhieda moghtija minn diversi nies matul l-kawza, fejn kull xhud migjub mill-prosekuzzjoni stqarr kif kienu graw l-affarijiet dak inhar;

Semghet il-partijiet jitrattaw nhar is-26 ta' Mejju, 2022.

Ikkunsidrat,

Ir-rikors tal-Avukat Generali jghid illi l-akkuzi gew ippruvati fl-atti tal-kawza u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellat. Ghaldaqstant l-appellant Avukat Generali qieghed isostni illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi.

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[2] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament***

[2] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] 1969] 1 QB 276.

*Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,</u>**[9] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***<u>tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza</u>ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet***

[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***– tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[11]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[13] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [14] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[15]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[16] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata

[15] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[16] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[17] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru **l-verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**L-Ispettur Chris Pullicino**[18] xehed dakinhar li l-appellat tressaq b'arrest nhar id-9 ta' Mejju u qal illi kellu jkun hu stess li jifred lill-appellat u dan ghaliex kien dar fuq l-impuatati l-ohra fil-prison van, quddiem il-pulizija, u qalilhom il-kliem ' Ghalfejn ghamiltu statement? Ma tafx is-soltu kif naghmlu?' Il-pulizija kienet kellmet ukoll in-nannu ta' Cremona fejn kien qalilhom li l-appellat kien ilu jghix mieghu xaharejn u mhux kif iddikjarat id-difiza li kien ilu erbat ijiem biss.

---

[17] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[18] Fol. 32 tal-atti processwali.

L-Ispettur Chris Pullicino[19] rega' xehed nhar il-11 ta' Lulju, 2011 fejn esebixxa certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei fil-konfront tas-surgent St John; esebixxa wkoll ittra mibghuta ghan-nom ta' Kimberly Cutajar mill-Avukat Joe Mifsud lil Bradley Xuereb u lill-Ghassa tal-Hamrun; esebixxa l-istqarrijiet ta' Clayton Cremona, Bradley u Travis Xuereb.

Clayton Cremona fl-istqarrija[20] tieghu datata 8 ta' Mejju, 2011, ghazel li ma jwegibx ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet u rrifjuta li jaghti l-fingerprints.

Travis Francis Xuereb fl-ewwel stqarrija[21] tieghu datata 8 ta' Mejju, 2011, qal li jahdem gewwa Santa Lucia Cafe' Attard u jghix m'ommu, missieru u tlett hutu. Hu spjega illi hu u huh Bradley kienu l-pjazza tal-Hamrun il-gurnata ta' qabel u hemm iltaqghu ma Keith u Clayton Cremona. Xi 4.30pm qal lil huh sabiex iwasslu d-dar u gibed lejn Santa Venera. Qal li Bradley kien qed isuq, Clayton kien bilqedgha warajh, hu kien bilqedgha hdejn Clayton u Keith kien passigier fuq quddiem. Vicin il-knisja ta' Santa Venera kien hemm Honda del sol griza li gibdet lejn side street x'hin rat lilhom. Huh Bradley kien induna li l-ex tfajla tieghu Kimberly kienet passigiera f'din il-karozza li kienet misjuqa minn mara ohra. Bradley gibed ghal wara din il-karozza, li kienet kisret ghal go triq ohra li taghti ghal Strada Rjali. Tal-Honda bdiet taqla l-karozzi u zzid il-velocita' u huh beda jsuq warajha u jdoqqilha l-horn sabiex jipprova jwaqqafha. Kif waslu fejn il-pompa ta' fejn l-istitut ta' San Guzepp, Bradley irnexxilu isakkar lil tal-Honda izda x-xufier irnexxilha taghmel manuvra u gibdet ghat-triq ta' fejn hemm il-gnien Romeo Romano. Huh rega irriversja bicca u saq ghal warajha u l-Honda waqfet ghax kien hemm karozza hamra quddiema. Minn din il-karozza hamra hareg ragel u gie jigri lejn il-karozza u qal li hu pulizija. Sa dan it-tant huh qabad jirriversja u dan ir-ragel qabad mat-tieqa tax-xufier. Dahhal idu u beda jipprova

[19] Fol. 97 tal-process.
[20] Fol. 102 et seq tal-process.
[21] Fol. 107 et seq tal-process.

johodlu c-cwievet tal-karozza. Huh waqqaf il-karozza u l-pulizija hadlu c-cavetta mill-ignition. Dan il-pulizija qal lil huh sabiex johrog mill-karozza u jinzel mill-art u Bradley hekk ghamel. Hu u t-tnrjn l-ohra baqghu fil-karozza ghal ftit sekondi u ftit wara Keith u Clayton hargu mill-karozza minghajr hadd ma qalilhom. Hu baqa' fil-karozza, u tnejn l-ohra rahom marru jigru lejn il-karozza l-hamra tal-pulizija. Xi hadd minnhom rikeb f'din il-karozza u bdiet miexja. Min minnhom saq din il-karozza l-ewwel irriversja fuq id-del sol mbghad saq u telaq il-quddiem. Il-pulizija x'hin ra hekk mar jigri warajhom izda hu ma jaf xejn iktar ghax quddiem l-Escort kien hemm id-del sol. Bradley baqa' fuq il-bankina u rega gie l-pulizija jghajjat li serqulu l-karozza. Dak il-hin gew jassistu lill-pulizija xi wardens ukoll. Aktar tard gew iktar pulizija u arrestaw lilu w lil huh. Waqt li kien immanetjat fil-karozza, kien hemm pulizija bl-uniformi li tah xi daqqiet bil-minkeb go sidru u bic-catt fuq widnejh sabiex hu jghidlu min kienu t-tnejn li harbu minn fuq il-post. Hu ccara li din grat meta kienu mixjin mill-karozza tal-pulizija ghall-ghassa tal-Hamrun. Dak il-hin hu ma qallux min kienu. Hu ftakar illi meta l-pulizija pajzan gie mat-tieqa semghu jghid 'pulizija pulizija CID' imma ma semghux jghid li kien ser jaqbdu bir-rota. Mistoqsi jekk huh qalx il-kliem 'X'ala zobbi' meta l-pulizija qallu li kien ser iweggghu, hu rrisponda li ma kienx sema dan. Hu ppreciza li hu ra l-Honda timxi lura bid-daqqa' u propjament ma rax il-peugeot gejja ghal fuha. Sar jaf li l-karozza peugeot mill-pulizija. Meta Bradley qabad isuq wara l-karozza li fiha kien hemm Kimberly, hu kien qal li se jsuq warajha u ser iwaqqafha. Ma jafx kienx ser ikellimha bil-herra jew bil-kelma t-tajba. Hu jaf li bdew isuqu b'sahhithom imma ma jafx jekk Bradley kienx baghat xi sms lil Kimberly. Bradley beda jirrabja ghax ma setghex jilhaq lil Kimberly. Hu m'ghamel xejn sabiex iwaqqaf lil huh milli jkompli jsegwi d-del sol. Hu kien jaf li huh kien ghadu kemm ihassar minn ma Kimberly imma ma kienx jaf li din tal-ahhar kienet ghamlitlu rapport fuq theddid ukoll. Hu qal li ma messu hadd u hu ma mess lil hadd. Hu qal li ma kienx jaf li hemm id-droga fil-karozza. Hu qal li ma kienx jaf bit-turnavit mghawweg u l-lieva li kien hemm fil-karozza. Spjega li

ra beritta kannella tal-adidas u jaf li kien jilbisha huh. Hu kkonferma wkoll n-numru tal-mobile ta' huh. Mistoqsi x'kien in-numru tal-karozza ta' huh hu wiegeb 'ma nafx'. Hu ma ra lil hadd jghawweg in-number plate tal-Escort izda x'hin niezel seta' jinnotta li dan kien mghawweg. Hu qal li ma ra lil hadd isawwat lill-pulizija u ma jafx kif dan tal-ahhar wegga'.

Fit-tieni stqarrija[22] tieghu nhar it-8 ta' Mejju, 2011, hu kkonferma li kien gie msawwat minn pulizija hekk kif kien eskortat mill-karozza tal-pulizija ghall-ghassa. Hu kkonferma li kien gie offrut li jarah tabib il-poliklinik jew l-isptar u dan irrifjuta. Hu kkonferma wkoll li m' ghandux ghalfejn jara tabib u li m'ghandux griehi.

Bradley Xuereb fl-ewwel stqarrija[23] tieghu datata 8 ta' Mejju, 2011, qal li hu ma jahdimx u li jghix mal-genituri tieghu u tlett hutu. Hu spjega kif lejliet hu u huh Travis nizlu l-pjazza tal-Hamrun fejn iltaqghu ma zewg persuni li ma jixtieqx jghid min huma u marru jduru dawra bil-karozza tieghu tat-tip Escort bajda bin-numru tar-registrazzjoni EAU629. Xi 4.30pm meta kienu fejn il-Union Bar Santa Venera hu lemah Honda del sol, karozza ta' habiba tal-ex tieghu Kimberly, infatti din tal-ahhar kienet passigiera. Hu ddecieda li jiffolowjahom sabiex ikellem lil Kimberly izda dawn ma waqfux u dahhlu go side street sakemm fl-ahhar regghu spiccaw fi Strada Rjali. Hu baqa' jsuq warajhom u beda jaghmel is-sinjal il-Kim sabiex dawn jieqfu u jkellimha izda dawn aktar bdew isuqu. Kif wasal hdejn il-pompa ta' Sun Guzepp, hu rnexxilu jaqbizhom u tefgha quddiemhom imma ix-xufier tal-Honda zammet brejk f'daqqa' u kissret ghat-triq ta' Romeo Romano. Hu rega gibed ghal warajhom, izda kien hemm karozza li waqqfet quddiem il-Honda. Hu waqaf ukoll wara l-Honda. Hareg ragel minn din il-karozza li kienet hamra u gie jigri lejn il-karozza u hu qabad jirriversja. Hu qal li ma kienx jaf li hu

[22] Fol. 105 et seq. tal-process.
[23] Fol. 112 et seq tal-process.

CID u beda jipprova johodlu c-cavetta u fl-ahhar irnexxilu. Hu haseb li dan ir-ragel kien mar biex jiggiled u ghalhekk baqa' jsuq lura. Wara li hadlu c-cavetta nizlu kollha kemm huma mill-karozza u wiehed minnhom mar jigri fid-direzzjoni tal-karozza l-hamra u telaq biha. Ma kienx huh li telaq bil-karozza imma wiehed mill-ohrajn. Ftit wara telaq ukoll l-iehor minn fuq il-post u baqghu biss hu u huh. Wara marru l-pulizija u gew arrestati. Hu qal li l-pulizija pajzan qallu li pulizija meta dan beda jipprova jaqla c-cavetta mill-ignition. Mistoqsi jekk hu tkellimx hazin meta l-pulizija qallu li kien ser iweggghu, hu nnega dan. Hu qal li lill-pulizija ma tah l-ebda daqqiet. Hu nnega wkoll li l-passigier ta' hdejh ghenu jimbutta lill-pulizija. Hu spjega li kif nizlu mill-karozza il-pulizija lill-passigier qallu 'nafek lilek' u l-iehor wiegbu li kien jafu wkoll. Hu qal li ma rax lil persuna li telaq bil-karozza l-hamra jirriversja fuq id-del sol, izda wara rah mifqugh minn quddiem. Hu qal li ma rahx iross lill-pulizja mal-hajt ghax minn fejn kien jisma biss seta' mhux jara. Hu sema taghqid tat-tyres, daqqa' u sema lis-surgent jghajjat sabiex ma jihdulux il-karozza. Hu spjega li hu lil Kimberly ried isaqsiha xi affarijiet bhal ghalxiex kienet telqitu. Hu ammetta li waqt li beda jsegwihom hu sahansitra baghat messagg lil Kimberly. Hu jghid li mhux hu ghawweg in-number plate u l-pulizija pprova jqacctu. Imbghad kien qallu li ser johodlu l-licenzja ta' mal-windscreen u hu accetta li johodlu l-licenzja. Jghid li l-gurnata ta' qabel cemplulu darba l-pulizija u ma wegibx ghax ma kienx fuqu t-telefon u wara nduna li kienu cemplulu l-pulizija. Hu qal ukoll li ma refax idu fuq il-pulizija. Fir-rigward tar-rezina tal-kannabis hu jghid li ma jafx ta min hi u kif sabet ruhha hemm. Dwar it-turnavit mghawweg qal li kien ilu hemm zmien u dwar il-lieva spejga li kien uza sabiex jaqla t-tyre tal-karozza. Hu spjega illi wiehed li ma riedx isemmi kien ma genbu u l-iehor kien warajh u huh kien passigier fuq ix-xellug. Hu qal li fil-hin li l-pulizija kien hdejh fejn il-karozza, hadd ma refa' jdejh fuqu. Kif gew aktar pulizija, dan il-pulizija mtedd wahdu mil-art u hu qalilhom 'dak issa mtedd ma l-art?' imbghad daru ghalih, immanetjawh, bdew jilwulu idu lura bil-manetti b'kollox, habbtulu wiccu mal-

hajt u joffenduh bil-familja fost hafna kliem iehor. Tawh ukoll daqqiet go daru u fil-karozza tawh daqqa' ta' minkeb go xufftejh. L-ghassa tal-Hamrun dan il-persuna wkoll baqa' jtih. Hu qal li qatt ma rrezista l-arrest.

Fit-tieni stqarrija,[24] Bradley Xuereb xtaq izid li ddispjacih ghal dak kollu li gara u ma kienx basar li l-istorja kienet ser tispicca hekk. Hu xtaq ikellem lill-ex-tfajla tieghu u m'ghandu xejn kontra l-pulizija li waqaf fuq il-post. Zied jghid li n-nies li ma semmiex l-ewwel kienu Clayton u Keith Cremona. Hu kien qed isuq, Keith kien passigier magenbu, Clayton kien warajh ezatt u Travis kien bilqedgha hdejh. Lil Keith kien gabru mill-Belt u mhux mill-Hamrun. Mill-Hamrun kien ghabba lil Clayton biss. Kif il-pulizija hadlu c-cweivet, kollha hargu mill-karozza, Keith telaq bil-mixi u dak li ha l-karozza tal-pulizija kien Clayton Cremona. Keith telaq wara li kienet diga nsterqet il-karozza tal-pulizija. Hu ma rahx fil-karozza fil-verita' imma fit-triq ma kien hemm hadd iktar milli n-nies li semma u kien Clayton li hu rah miexi fid-direzzjoni tal-karozza, imbghad sema t-twerziq tat-tyres u lill-pulizija jghajjat sabiex ma johodilielux. Il-hin li nstaqet il-karozza tieghu, il-pulizija telaq minn hdejh u mar jigri lejn il-karozza tieghu li kienet miexja. Hu ma rahx lill-pulizija jinghafas mal-hajt ghax minn fejn kien ma setax jara.

L-Ispettur Pullicino[25] rega' xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2012, fejn spjega illi nhar is-7 ta' Mejju, 2011, is-surgent St. John li kien stazzjonat CID, kien talab l-ghajnuna tal-pulizija fi Triq Breille Santa Venera fejn kien hemm argument u kien hemm xi hadd li seraqlu l-karozza tieghu. Kienu marru kemm pulizija tad-distrett kif ukoll pulizija tal-mobile li rawh jissilet sabiex jarresta xi ndividwi li kienu Bradley u Travis Xuereb li dentifikahom fl-awla. Is-surgent kien jidher li hu mugugh ukoll. Il-guvintur gew arrestati filwaqt li s-surgent ittiehed l-isptar

[24] Fol. 118 et seq. tal-process.
[25] Fol. 488 tal-atti processwali.

bl-ambulanza. Qal li meta gie mitkellem is-surgent kien qal li kien ilu jsegwi l-moviment ta' zewg vetturi minn distanza tat-tip. Dawn i-vetturi kienu tat-tip Escort li kien fiha erba' guvintur u Honda del sol li kien fiha zewg tfajliet. Huma waqfu wara l-vettura tieghu fi Triq Breille. Hu identifika ruhhu bhala pulizija. Sakemm wasal hdejn l-Escort dawn ippruvaw jitilqu. Is-surgent St. John hadilhom ic-cavetta mill-ignition u l-guvintur hargu mill-karozza. Keith u Clayton Cremona telqu minn fuq il-post. Clayton Cremona mar ghall-karozza tas-surgent, irnexxilu jistartja, gibed ghal fuq is-surgent u rassu mal-hajt u telaq minn fuq il-post. Kien hemm ukoll zewg gwardjani G596 u G563 li ukoll assistew. Is-surgent irraporta illi kellu fuqu elfejn euro (€2000.00) fi flus kontanti; wallet bl-ammont ta' sebghin euro (€70.00), ID card, driving licence u numru ta' credit cards. Kienet infethet inkjesta mmexija mill-Magistrat Edwina Grima f'dan ir-rigward. Ftit wara dan l-incident instabet vettura qed tihu n-nara gewwa Triq il-Fatati, Hamrun li rrizulta li kienet il-vettura tas-surgent li giet misruqa. Fil-vettura tat-tip Escort kienet ukoll instabet blokka kannella suspettata kannabis. It-tfajliet li kienu fil-Honda kienu Diane Tabone u Kimberly Cutajar. Iz-zewg individwi li gew arrestati fuq il-post kienu Bradley u Travis Xuereb. Nhar it-8 ta' Mejju kien gie arrestat Clayton Cremona mir-residenza ta' nannuh fil-Birgu. Clayton Cremona gie nterrogat fejn wara li ghazel li ma jkellimx avukat, kien ghazel bazikament sabiex ma jwegibx ghad-domandi kollha. Travis u Bradley Xuereb kienu spjegaw fuq, fuq l-incident izda kienu evazivi dwar l-identita' tal-persuna li harbet minn fuq il-post. Inizzjalment kienu tressqu b'arrest Travis u Bradley Xuereb, kif ukoll Clayton Cremona. Keith Cremona kien gie arrestat iktar tard minn boat house fl-Armier. Hu qal li kien riekeb fil-karozza izda meta ra li gej l-inkwiet harab minn fuq il-post. L-Ispettur ipprezenta wkoll zewg sentenzi li gew maqtugha fil-konfront ta' Clayton Cremona.

Nhar il-5 ta' Novembru, 2012, L-Ispettur Pullicino[26] zied jghid illi partikolarment fl-istqarrija ta' Bradley Xuereb, kien hareg punt illi l-karozza tas-surgent St. John kienet ittihdet minn fuq il-post u nstaqet minn Clayton Cremona.

**Dr Joe Mifsud**[27] xehed nhar il-11 ta' Lulju, 2011 fejn ikkonferma ittra in atti li kienet giet miktuba minnu ghan-nom ta' Kimberly Cutajar. Dr Mifsud[28] rega' xehed fejn spjega illi kienet marret klijenta ghandu bl-isem ta' Kimberly Cutajar u li l-ex taghha Bradley Xuereb kien qed idejjaqha b'telefonati u messaggi u allura hu kien kitiblu ittra ta' twissija u kopja taghha ntbghatet lill-Ispettur tal-Pulizija tal-Ghassa, Hamrun.

**PS 430 Andrew St. John**[29] xehed nhar is-16 ta' Mejju, 2011 fejn spjega li kien is-sibt, 7th xi 4.00pm, kien qieghed l-isptar hdejn wiehed mir-relatives tieghu w kienu qeghdin hdejh u wiehed tal-familja li kien qallu li kien wasal hemm b' tal-linja, mar iwasslu. Kif wasal hdejn il-pompa ta' St. Joseph Santa Venera ra karozza bajda kienet nahseb qabzet ftit iktar il-fuq minn Umberto Colosso wiccha sejra lejn H'Attard, jigifieri gejja lejn id-direzzjoni tieghu, kienet fuq il-karreggjata tieghu, ghaddeja kontra t-traffiku bi speed eccessiv. Peress li kien sar hold-up qabel il-Hamrun mohhu haseb li seta' kien xi hold-up iehor u kienu qed jaharbu minnu. Hu stennihom japprowcjawh sabiex jiehu l-opportunita' jhares lejn xi persuni li kienu fil-karozza. Hu nduna li kienu qed isuqu lejn karozza ohra biex fil-fatt jirramjawha u jidhlu go fiha. F'dik id-distanza hu gharaf il-karozza l-bajda li kienet qed tinstaq b'mod perikoluz hafna bhala Ford Escort mudell Mark 6 *pre-face lift* u l-karozza li kienu qed jiccejsjaw kienet Honda del sol. Fl-Escort li kienet qedgha tinstaq kontra l-karregata kien hemm xufier, xi hadd bil-qedgha warajh u passigier u fid-del sol kien hemm zewg tfajliet li kienu jidrhu li ghadhom zghar.

[26] Fol. 153 tal-process.
[27] Fol. 123 tal-process.
[28] Fol. 486 tal-process.
[29] Fol. 42 tal-atti processwali.

Kif hu beda jipprova jigbed lejn il-genb u ha jaqbad l-ewwel bicca ta' Braille Street, tal-Escort saq ghal go tad-del sol, izda dawn zgiccawlu u daru ghal warajh. Sabiex ma jhallihomx f' High Street fejn hemm iktar periklu ta' traffiku, hu baqa' niezel l-ewwel bicca ta' Braille Street, ra li ma kienx hemm fejn jitfa', gibed il-handbrake, gibed ic-cwievet barra mill-karozza, dahhalhom fil-but u hareg minn gol-karozza. In-nisa li kienu fil-Honda kellhom panik kbir u fosthom ix-xufiera tal-Honda zammet brake warajh u bdiet twerzaq u tghajjat 'suq, suq, suq ghax ha jweggghuna'. Hu nfurmahom b'hanxra li kien pulizija u qalilhom sabiex jinghalqu fil-karozza ghax tal-Escort setghu kienu armati. Dak il-hin sema lix-xufiera tal-Honda tghidlu 'Thank you, thank you'. Hu beda miexi lejn il-bagoll tal-Honda. Hu identifika lil Bradley Xuereb bhala l-persuna li kien qed isuq l-Escort u dan ha break ftit piedi l-bod minnu u ghalhekk hu gie bejn iz-zewg karozzi. Dak il-hin hu qalilhom li kien surgent tal-pulizija, fetah idejh biex jurih li ma kellu xejn, qallu sabiex '..ejja ha nikkalmaw, itfi l-karozza, armi daqsxejn ic-cavetta barra minn go l-karozza ejja ha nitkellmu'. Xi hadd minn gewwa, ezatt minn kien ma jafx, offendih. Hu sema l-magna ta' l-Escort tigi rrejzjata u gear qed jizzarzar u la riedhom isuqu fuqu u qas jaharbu. Kien *fast* bizejjed li qabez ghan-naha tax-xufier, u qabizlu minn got-tieqa peress li kienet kollha mnizzla u gie fuq hogor ix-xufier. Nofsu kien barra u geddumu fuq il-passigier li m'gharafx fl-awla. Il-passigier qabdu minn wiccu w qal lix-xufier sabiex isuq. Qalilhom li hu pulizija u li jekk isuq ha jghaffgu. Ix-xufier taghha reverse u beda jghaqqadhom b'lura. Bdew jimbuttawlu wiccu u hu beda jhoss saqajh mar-rota ta' quddiem. Ix-xufier, bis-sieq tal-clutch tah wahda fl-istonku tieghu. Bdew jissaraw mieghu u hu rnexxilu jigbed ic-cavetta barra mill-ignition. Ix-xufier, mhux 'just' intfiet u zamm il-brejk, kien jaf li x-xufier kien fil-kontroll tal-karozza ghax ma kienx qed izommlu l-isteering u anqas xi pedana ghax ma kienx ilahhaq minn fejn kien. Hallih xorta jitkaxkar u beda jghidlu 'waqqaf, waqqaf'. Il-karozza mbghad waqfet ghax kellha tieqaf bil-momentum. Sakemm beda jigi f'tieghu induna li xi hadd hareg mill-bieba ta' wara tax-xufier li jigi r-rear left, just ra blur u xi hadd

jigri fid-direzzjoni ta' dawk it-tfajliet. Hu gie f'tieghu mill-ewwel minghajr ma ried ghax haseb li dan kien ser jaghtihom xi daqqa' ta' sikkina. Hu hareg minn got-tieqa u jhares lejn it-tfajliet li kienu nofshom barra mill-karozza fuq kull naha jharsu lura. Beda jghidilhom 'idhlu, idhlu' u hekk ghamlu. Il-persuna li mar jigri fid-direzzjoni tat-tfajliet rah jitbaxxa lejn it-tarmac u kompla jigri. Hu mbghad qabad jigri fid-direzzjoni ta' dawn it-tfajliet. Hu qal li b'kollox kien hemm erba' moin-nies fl-Escort, Travis Xuereb kien bil-qedgha wara x-xufier. Il-passigier ma rahx fl-awla u l-persuna li ra mixja lejn il-karozza tat-tfajliet kien Clayton Cremona li kien liebes ukoll l-ahmar. Kif mar fejn id-del sol deher mahruq li l-karozza kienet msakkra, ma messx il-pum. Hu fil-fratemp qed napprowcjah u kien hemm certu distanza, ghadda minn bejn il-bonnet tal-Honda u l-bagol tal-karozza tieghu, fetah il-bieba tax-xufier u Cremona mar biex jidhol fil-bieba tax-xufier. Hu beda jghajjat ma Cremona sabiex ma jidholx fil-karozza tieghu, izda kellu mohhu mistrieh li mhux ha jistartja l-karozza u dan ghaliex ic-cavetta kienet fuqu. Hu mexa lejn il-Honda u sema l-karozza tieghu tistartja u ghalhekk assuma li dik li Cremona kien gabar minn mil-art kienet ic-cavetta tieghu. Hu spjega li mar sabiex jghaddi minn bejn il-Pegeout u l-Honda u ra li Cremona kien dahhal ir-reverse gear u ra d-dwal jixghelu. Cremona saq ghal fuqu u ghal fuq il-Honda. Hu jrnexxilu jgenneb u Cremona faqa' l-quddiem tal-Honda billi rikeb letteralment bil-bagol tal-Pegeout fuq il-Honda. Waqt li l-karozza tieghu kienet imwehhla fuq il-Honda Cremona beda jirrezja biex jinqala u hu tela fuq il-bonnet tal-Honda u dahal bejn il-genb tal-karozza tieghu u l-hajt. Dahal parti minnu gewwa, dawwar idu parti minnha m'ghonqu, hares lejh u saq bih b'kollox. Hu spicca f'sitwazzjoni fejn beda jitkaxkar bejn il-karozza u bejn il-hajt jissara biex izomm ma xi haga. Pprova jiehu c-cavetta u rrealizza li l-keychain biss kien ha ghax ra l-karozza tibqa' tigi rrezjata. Ra li kien gej arblu fuq il-bankina u ddecieda li jitlaq ruhu lura. Qala daqqa' kbira bil-karozza li faqqatu catt mal-hajt u mal-bankina fuq sieq minnhom. Induna li kien ghad kellu c-cavetta tal-Escort. Ix-xufier tal-Escort beda jipprova jissossa xi haga mal-bumper u l-passigier ta' left

beda jfittex xi haga mil-art u l-iehor beda jfittex xi haga fuq naha tal-karozza. Hu assuma li dawn kienu qed ifittxu c-cavetta. Dak il-hin fid-dgahdija qam u beda jigri lejhom. Bradley kien kokka li beda jaghmel xi haga mal-bumper, Trevis beda jfittex xi haga fuq naha u l-iehor li kien hemm prezenti, li kien originarjament bilqegha fis-siggu tal-passigier u li ma gharfux fl-awla kien qed ifittex xi haga ohra. Dan qal lil ohrajn li hu kien rega gej lejhom u harab jigri. Hu kien irnexxilu jiehu l-licenzja t-tonda tal-Escort u kien ghaddiha lill-kollegi tieghu flimkien mac-cavetta tal-Escort meta kien mindud fuq l-istretcher fl-Emergenza. Hu spjega li wara li kien ha l-licenzja mar jigri ghal fuq Bradley u qabez ghal fuqu sabuex izommu. Bradley beda jirrezisti l-arrest u Trevis beda jaghmel minn kollox sabiex jimbuttah u jtellfu. Qallu wkoll 'f'ghoxx kemm gahndek hallih lil hija'. Beda jghajjat ghall-ghajjut, jghid li hu pulizija u sabiex in-nies pajzana 'icemplu'. Resqet vettura b'zewg wardens u talbu l-assistenza. Warden minnhom zamm lil Travis u talab lil warden il-mara ccempel il-control room. Ftit sekondi wara jaf li gew tal-mobile fuq il-post u ghenuh jimmanetja lil Bradley. Travis kien immanetjat ukoll u dak il-hin intelaq mill-art. Harget wahda minn dawn it-tfajliet tal-Honda, zammitlu idejh u qaltlu 'thank you, thank you' u hu qalilha 'inti kull ma trid taghmel ghid il-verita tqoghodx tibza minnhom'. Fil-karozza tieghu jghid li kellu envelope tal-BOV b' elfejn euro (€2000) cash; wallet b' sebghin euro (€70), zewg xaftijiet godda fjamanti li jammontaw ghal mitejn euro (€200) u vacuum cleaner gdida fjamanta. Hu kien gie mizmum xi jiem l-isptar u gie nfurmat li l-karozza kienet nstabet mahruqa gewwa triq il-Fatati, Hamrun. Hu dam jumejn b'kollox l-isptar ghax talab li jigi *discharged* izda wara kellu jerga jmur minhabba perikolu ta' trombozi.

Is-surgent St. John[30] rega' xehed nhar il-5 ta' Settembru, 2011 fejn ipprezenta rapport mahrug minn *surveyer* li kien iddikjara l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAC 483, li giet mahruqa, bhala scrap. Hu qal li s-sid ta' din il-

---

30 Fol. 191 tal-process.

karozza kienet iz-zija tieghu Mary Antoinette Miniches u li tghix fi Franza. Hu kien qieghed juza din il-karozza bl-awtorizzazzjoni taghha.

**PC 655 Ryan Mifsud Schembri**[31] xehed nhar it-30 ta' Mejju, 2011 fejn spjega illi nhar is-7 ta' Mejju, 2011 xi 4 30, hu u l-partner tieghu PC 766 qabbduhom tal-Control Room sabiex imorru Braille Street, Hamrun, peress li kien hemm is-surgent PS 430 St John serqulu l-karozza u x'hin waslu fuq il-post sabu lill-istess surgent jipprova jzomm tnejn. Is-surgent iddiregihom sabiex jarrestaw lil Bradley u Travis. Bradley kien l-iktar wiehed li rrezista l-arrest u ttihed f'karozza tad-distrett, filwaqt li Travis ittihed fil-karozza tal-mobile. X'hin ra lis-surgent mixhut mil-art sejjah l-ambulanza. Hu skortja lil Trvis flimkien ma PC 1066 sal-ghassa l-Hamrun, ghamlulu *frisk search* u minn hemm nizzluhom is-CID u skorta lil Bradley ma PC 766 quddiem l-Ispettur Pullicino. Hu ndikahom fl-awla u kkonferma illi r-raguni ghaliex cemplu l-ambulanza kienet ghax PS 430 kien mill-art b'demm m'idu u taht xokk jirtrieghed. Hu kien qalilhom li kienu serqulu l-karozza u ppruvaw jaghtuh daqqa' ta' karozza u beda jipprova jzommhom sabiex ma jaharbux minn fuq il-post.

**PC 766 Sergio Schiavone**[32] xehed nhar it-30 ta' Mejju, 2011 u kkonferma dak kollu li qal il-kollega tieghu PC 655 u zied jghid ukoll illi wara li hadu l-akkuzati s-CID, marru *fixed point* mal-karozza EAU 629 Ford Escort abjad. Fuq il-post kien hemm zewg tfajliet ukoll li kienu gewwa Honda del sol silver u kienu qed jassistu lis-surgent mill-art. Din il-karozza taghhom kellha daqqa' kbira fuq quddiem li s-surgent kien qalilhom li kienet saret minn Peugoet 306 ahmar li serqu lis-surgent minn fuq il-post. Waqt li kienu fixed point kien hemm tas-SOCO tal-Forensika fuq il-post u qalulu sabiex ikun xhud ta' bicca rezin tal-kannabis li nstabet fuq id-dashboard tal-Escort.

---

[31] Fol. 60 tal-process.
[32] Fol. 64 tal-process.

**Kimberly Cutajar**[33] xehedet nhar il-11 ta' Lulju, 2011 fejn spjegat illi nhar is-7 ta' Mejju, 2011 hi u habiba taghha marru ic-cimiterju filghodu u wara marru jieklu. Hi kienet f' Honda del sol griza bin-numru ta'registrazzjoni CBF 789 ta' habiba taghha bl-isem ta' Diane Tabone. Huma u hergin minghand il-habiba taghha semghu brejk u qaltilha li dak kien l-ex taghha, Bradley Xuereb. Huma bdew jigru warajhom u fejn il-pompa ta' San Guzepp gew quddiemhom, izda daru lejn il-knisja l-qadima u sabu karozza quddiemhom. Harget rasha mit-tieqa u qaltlu sabiex isuq izda hu nfurmaha sabiex ma tinkwetax ghax kien CID. Hu mar ghalihom u Bradley taghha reverse. Il-pulizija qalilhom sabiex jinzlu mill-karozza u nizlu mbghad beda jghid tmissunix ghax jien CID. Kien hemm wiehed li kien fil—karozza ta' Bradley mar fil-karozza ta' CID, faqalhom quddiem. Is-CID mar ghall-karozza tieghu u s-sewwieq dawwar l-isteering u rassu mal-hajt u baqa' sejjer. Hi kkonfermat li l-karozza ta' Bradley kienet Escort bajda u li l-pulizija identifika ruhhu mill-ewwel bhala pulizija ghax anke lilhom kien qalilhom. Hi tghid li m'gharfitx min dahal fil-karozza tas-surgent. Fir-rigward tas-surgent hi qalet il-kliem ' Intlaqat mela, ehe ghax imbghad x'hin waqa ma l-art kellu hawn bid-demm, tkaxkar hekk. Hi kkonfermat li marret tkellem avukat fir-rigward ta' Bradley u anke ghamlet rapport lill-pulizija minhabba theddid li kienu ilhom ghaddejin ghal madwar hames xhur qabel l-incident. Ikkonfermat li Bradley kien baghtilha messagg waqt dan kollu u taghha x'tifhem li kien ser jerga jigri bhal ma kien diga gera darb' ohra fejn kien gera warajha bil-karozza, imbghad waqqfu u tkellmu. Dakinhar hi kienet telghet tghid lil wardens li kienu fejn il-pompa tal-petrol sabiex imorru u jassistu. Mistoqsija x'ghamla u x'kulur kienet il-karozza tal-pulizija, hija kienet kapaci tghid li kienet hamra.

[33] Fol. 125 tal-process.

Kimberly Cutajar[34] regghet xehedet nhar it-23 ta' Frar, 2016 fejn qalet illi Bradley hu l-ex boyfriend taghha u Travis kien jigi huh. F'dan l-incident spjegat li Bradly kien qed isuq warajhom normali. Ghalkemm mistoqsija kienx gej b'salvagizzmu jew b'mod eeccessiv, hi wiegbet li ma tantx bdiet taghti kaz ghax ma qghaditx thares lura. Mistoqsija kieku kieneitx tinduna kieku dan kien gej daqsxejn ghall-assalt hi wiegbet bil-kliem 'nassumi'. Ikkonfermat illi meta mar quddiema bil-karozza ma sakkriliex it-triq. Ikkonfermat ukoll li setghet timmanuvra kieku riedet. Hi qalet li s-surgent waqa' wahdu wara li intrass mal-hajt u rega' mar hdejn Bradly Xuereb. Ikkonfermat illi Bradly, fil-bidu, qabad jirriversja qabel is-surgent wasal hdejhom. Ikkonfermat ukoll illi malli mar is-CID hdejhom, Bradly waqaf mill-ewwel u hargu minghajr inkwiet Travis u Bradly. Dawn tal-ahhar ma marrux sabiex jihdu l-karozza tas-surgent. Hi qalet li l-persuna li hadet il-karozza tas-CID, laqat il-karozza taghhom u baqa' sejjer. Ssotniet illi kienu ilhom li waqfu mir-relazzjoni hi u Bradly meta ghamlet ir-rapport u l-ittra legali li kien kitbilha l-avukat lanqas lahqet baghtitha. Meta Bradly Xuereb qalilha li 'bhal ta' Brenda gej ix-xoghol' dan il-kliem ma qaluliex b'theddid. Din kienet sitwazzjoni fejn kienu ggildu, ra fit-triq u beda jigri warajha, imbghad kienu waqqfu, tkellmu w rrangaw is-sitwazzjoni.

<u>**Diane Tabone**</u>[35] xehedet nhar il-11 ta' Lulju, 2022 fejn hi spjegat illi nhar is-7 ta' Mejju, 2011 xi 1.00pm hi spiccat mix-xoghol, marret ghal Kimberly Cutajar fejn marru c-cimiterju w mbghad marru jieklu xi haga ghand il-Queen's. Wara marru ghand habiba u kif nizlin in-nizla tat-triq taghha fil-Hamrun, qaltilha li kien qieghed jigri warajhom xi hadd u Kimberly ikkonfermatilha li kien l-ex taghha u ppanikjat w qaltila 'Please tiqafx'. Hi giet fejn l-arkati u daret ghall-Imriehel, mbghad hu pprova jaqbez min-naha tad-driver u kif rat hekk gahfset il-brejk u daret ma fejn hemm il-pompa tal-petrol l-isfel. Hi qalet li kienet Escort bajda l-

---

[34] Fol. 578 tal-process.
[35] Fol. 131 tal-process.

vettura li bdiet tiffolowjahom. Mbghad kisret lejn il-knisja l-qadima ta' Santa Venera. Hemm hekk sabu karozza hamra Peugeot u bla ma riedu bdew jghajjtu sabiex jersaq. Hu kien fin-nofs u qalilhom li kien CID mill-ewwel. Hu mar izommhom bhal speci u jkellimhom lil tal-Escort. Bdew jirriversjaw imbghad hargu kollha f'daqqa'. Spjegat illi bdew jirriversjaw ghax raw lis-CID sejjer ghalihom u waqfu ghaliex il-pulizija hadilhom ic-cavetta billi dahal nofsu ghaliha fil-karozza. Is-CID beda jghajjat u jghidilhom li hu CID u sabiex ma jkabbruwiex. B'kollox kienu erbgha u wiehed minn shab l-ex ta' Kim dahal fil-karozza ta' CID u rriversja fuq il-karozza taghha. Hi kkonfermat illi dan laqat lill-pulizija mal-hajt b'mod aggressiv. Hi qalet li dan kellu minn fejn jghaddi izda baqa' diehel gol-hajt. Il-pulizija beda jitawweg u jzomm zaqqu. Imbghad wara qam u rega mar sabiex izomm l-ex ta' Kim u lil huh mbghad kif gew il-pulizija qisu rehau rawh mil-art jigifieri. Hi sahansitra qalet ' Jiena rajtha apposta'. Hi ndikat illi l-karozza taghha garrbet madwar elfen u tlett mija hsara (€2,300). Hi tghid li m'gharfitx il-persuna li kien ha u saq il-karozza tas-surgent.

Diane Tabone[36] regghet xehedet nhar it-23 ta' Frar, 2016. mistoqsija jekk is-CID nehhiex ic-cavetta mill-karozza meta din kienet diga wieqfa hi wiegbet li c-cavetta ma tafx fejn kienet ezatt u ma ratux inehhi c-cavetta, izda l-karozza kienet wieqfa meta s-CID resaq lejha. Hi spjegat illi l-pulizija filli kien qed izomm lil Travis u huh u filli f'daqqa' wahda waqa', qisu ntelaq. Ma tiftakarx min kien gie l-ewwel imma kienu gew kemm l-ambulanza u kemm il-pulizija. Mistoqsija jekk is-surgent waqax mil-art meta gew il-pulizija hi wiegbet bil-kliem 'xi haga hekk'.

**PS 1314 Raymond Ambrogio**[37] xehed nhar il-11 ta' Lulju, 2011 fejn qal li xi gimgha qabel kienet avvicinatu Kim fejn qaltlu li kienet rceviet xi telefonati u messaggi ta' ntimidazzjoni u theddid min-naha tal-*ex boyfriend* taghha. Qal li

[36] Fol. 582 tal-process.
[37] Fol. 139 tal-process.

pprova jcempel lil *ex-boyfriend* taghha diversi drabi, sa dakinhar stess tal-incident, izda ma kienx iwiegeb. Hi kienet anke baghtitlu ittra bl-Avukat izda ma semax. Hu pprezenta wkoll l-incident report li prepara hu stess.

**PS 1243 George Polidano**[38] xehed nhar il-11 ta' Lulju, 2011 fejn qal li hu mar jassisti l-pulizija tas-CID sabiex jigi arrestat Clayton Cremona. Kienu nfurmati li kien qed jghix man-nannu tieghu fil-Birgu. Ma fetah hadd izda semghu lil xi hadd jigri. Wara li ma fetah hadd, u wara li avzawhom huma fethu l-bieb fejn sabu lil Clayton Cremona u Saviour Attard. Sa kemm gie arrestat Clayton Cremona, Keith Cremona qabez mit-tieqa u l-pulizija marru jigru warajh izda ma sabuhx

**PC 1066 Antoine Guollaumier**[39] nhar is-7 ta' Mejju, 2011 kien xoghol u gew mghajjta biex imorru Triq Braille, Santa Venera. Kif morna kien hemm hafna nies u kien hemm xi pulizija tl-mobile ukoll. Kien hemm persuna arrestata u kien hemm persuna ohra beda jargumenta mieghu. Hu keccih izda rega ppersista u mbghad qabad u lil dan l-arrestat dahhlu fil-karozza sabiex jevita li jkomplu jikbru l-argumenti. Dan baqa' jigi mal-karozza sabiex jargumenta u minn hemm iddecieda li jnizzlu l-ghassa biex ma jkomplix ikabbar l-incident. Kif wasal l-ghassa l-Hamrun, nizzel lill-arrestat lil PC 655 u PC 1286 u baghtuh mill-ewwel fi Triq il-Fatati fejn kien hemm karozza qed taqbad. Hu ha zewg *fire extinguishers* mill-ghassa u meta wasal kien hemm Peugeot 306 bin-number plate ghadha tidher CAC 483 qed taqbad u kien hemm ta' CPD qed jitfuha. Dwar il-persuna li nizzel l-ghassa hu jghid li ma staqsihx x'jismu pero' min beda jillatika mieghu ghajjatlu Bradly.

[38] Fol. 147 tal-process.
[39] Fol. 149 tal-process.

**Brian Farrugia**[40] xehed nhar il- 5 ta' Settembru, 2011 fejn deher ghan-nom ta' Transport Malta. Huwa xehed illi il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBF 879 li kienet Honda CRX silver kienet irregistrata f'isem Diane Tabone u kienet ilha hekk irregistrata sa m'23 t' Awissu 2010. Fir-rigward il-vettura tat-tip Peogeut hamra u bin-numru tar-registrazzjoni CAC 438 kienet irregistrata fuq Mary Antoinette Miniches u li kienet ilha registrata f'isimha sa mis-26 ta' Dicembru, 2002. Il-vettura tat-tip Escort bajda bin-numru tar-registrazzjoni EAU 629 kienet irregistrata fuq Emanuel Xuereb u kienet ilha hekk irregistrata sa mill-10 ta' Dicembru, 2010.

**Dr Agnes Cachia**[41] xehedet nhar is-17 t' Ottubru, 2011, ikkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha nhar it-13 ta' Mejju, 2011 u li kienet ezaminat lis-surgent St. John. Hi kienet sabet li kellu brix estensiv fuq in-naha ta' barra ta' saqajh il-leminija u kellu diversi tbengil fuq in-naha ta' sidru, n-naha t'isfel, kif ukoll kellu tbengil madwar il-ligament ta' l-ghaksa tieghu tal-lemin. Ma kienx hemm ksur l-x-rays kienu tajbin u ghalhekk ikkonkludiet illi n-natura ta' dawk l-injuries kienu slight.

**Stephanie Zarb**[42] xehedet nhar is-17 t' Ottubru, 2011 ghan-nom ta' Melita Mobile u esebiet CD li tipprezenta calls u smss bejn 77201092 u 77000796 minn 1 ta' Jannar 2011 sa 7 ta' Mejju, 2011. Hi kkonkludiet tghid illi ma kienux mitluba jghidu fuq min huma rregsitrati dawn in-numri.

**PS 8 Stephen Bezzina**[43] xehed nhar is-17 t' Ottubru, 2011 fejn qal illi nhar it-8 ta' Mejju kellhom informazzjoni fejn setghu jigu arrestati Clayton u huh f'residenza tan-nannu taghhom fil-Birgu. Il-pulizija marru fuq il-post u hemmhekk sabu lil

[40] Fol. 182 tal-process.
[41] Fol. 221 tal-process.
[42] Fol. 223 tal-process.
[43] Fol. 227 tal-process.

Clayton u huh kien jidher li harbilhom. Hu ha hsieb lil Clayton u wara hadu ghand l-Ispettur.

**PS 1152 Manuel Saliba**[44] xehed nhar il-31 t' Ottubru, 2011 fejn qal li kien stazzjonat mal-Ispettur Pullicino. Hu kien prezenti waqt id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-Avukat kemm ta' Clayton Cremona u kemm ta' Travis Xuereb.

**PC 1201 Joseph Cassar**[45] xehed nhar il-31 t' Ottubru, 2011 fejn qal li kien ilu sitt snin kuntistabbli CID. Hu qal li kien prezenti ghall-istqarrija ta' Clayton Cremona u Travis Francis Xuereb li nghataw it-twissija u gharaf il-firem. Ikkonferma wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat ta' Travis Xuereb u gharaf il-firem izda meta kien mistoqsi jekk jgharaf lill-Travis fl-awla, hu pponta lejn Bradley Xuereb.

**PC 1159 Martin John Mifsud**[46] xehed nhar il-31 t' Ottubru, 2011 fejn qal illi nhar it-8 ta' Mejju, 2011 kellu struzzjonijiet sabiex imorru f' post 22, Flat 3, Triq il-Foss Birgu sabiex jarrestaw lil Keith u Clayton Cremona. Marru fuq il-post PS 8, PS 1243 u PC 1367. Habbtu, ma fetah hadd, izda minn xaqq setghu jaraw li kien hemm xi nies u kien hemm xi giri. Kellhom struzzjonijiet sabiex jifqghu il-bieb u malli bdew sabiex jifqghu l-bieb, il-bieb infetah u kien hemm Clayton Cremoina u nannuh. Fetah in-nannu, gie arrestat Clayton u harab persuna li ma jistghax jghid min hu mit-tieqa. Hu gharaf lil Clayton Cremona fl-awla.

**Profs Alfred Vella**[47] deher nhar is-16 ta' Jannar, 2012 izda ma esebixxa xejn. Profs Attard[48] rega' xehed nhar it-2 ta' Lulju, 2012 fejn espleta l-inkarigu tieghu fejn

---

[44] Fol. 234 tal-process.
[45] Fol. 236 tal-process.
[46] Fol. 239 tal-process.
[47] Fol. 253 tal-process.
[48] Fol. 404 tal-process.

kien mahtur bhala espert fl-inkjesta u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Hu kkonkluda li l-hruq tal-vettura Peugeot CAC 483 kien x'aktarx ta' natura doluza u mhux accidentali. In-nar gie mibdi dolozament bl-uzu ta' xi fjuwil li ntefa' fil-kabina u gie moghti n-nar. Apparti ghan-nar li heggeg l-intern tal-kabina, jidher li kien hemm nar iehor li tqabbad fuq il-parti ta' wara tal-vettura, fuq il-bumper, naha tal-passigier u jidher li biex tqabbad dan in-nar intuza fjuwil li xtered fl-art u halla nugrufum fuq il-wicc tat-triq. Dan in-nar wassal ghal hruq parzjali tar-rota ta' wara. Il-hsara f'dan il-post tikkostitwixxi t-tieni seat of fire f'dan il-kaz u tikkonferma li n-nar fuq il-vettura x'aktarx kien ta' natura doluza u ma kienx minhabba xi hsara elettrika fil-karozza. Hu kkonkluda illi n-nar dam jaqbad bejn madwar 20 u 30 minuta qabel gie mitfi.

**PC 1253 Fredrick Brincat**[49] deher nhar is-16 ta' Jannar, 2012 izda ma esebixxa xejn. PC 1253[50] rega' xehed qnhar it-2 ta' Lulju, 2012 fejn spjega illi nhar it-8 ta' Mejju, 2011 kien nominat sabiex jiehu xi ritratti ta' feriti fuq diversi persuni fl-inkjesta. Hu esebixxa tlieta u erbghin (43) ritratt.

**PS 826 Matthew Parnis**[51] xehed nhar is-16 ta' Jannar, 2012 fejn qal li kien gie mahtur bhala Scene of the Crime Officer mill-Magistrat Edwina Grima sabiex jaghmel xi xoghol relatat mal-incident fejn wegga' PS 430 St John gewwa Braille Street Santa Venera, kif ukoll dwar il-hruq tal-vettura fi Triq il-Fatati, Hamrun. Hu pprezenta r-relazzjoni tieghu flimkien mal-lieva, *submission form* li kien ghadda lil Mr Godwin Sammut il-bicca blokka suspettata resin li nstabet f'dashboard tal-Escort u affarijiet ohra barra xi lifters li tella' minn fuq il-vettura huma blood swabs u kien hemm bicca plastic ohra ghal raguni ta' mechanical fitli kienet instabet vicin arblu li allegatament kienu dahlu fuq dan l-arblu.

---

[49] Fol. 254 tal-process.
[50] Fol. 401 tal-process.
[51] Fol. 257 tal-process.

**Mario Buttigieg**[52] xehed nhar it-23 t' April, 2012 fejn qal li nhar is-7 ta' Mejju 2011 hu kien inkarigat sabiex jezamina zewg vetturi ghar-rigward ta' hsarat li sofrew. Il-Peygeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni CAC 483 hija beyond economical repair, anke bhala wrack value hi zero. Il-Honda mudell CRX Coupe, il-hsarat jammontaw ghal €2,550.64. hu ha in konsiderazzjoni l-parts, labour u spra. Apparti dan hi kienet intitolata ghal karozza tal-kiri ghal hamest ijiem b' €15.00 kuljum. Hu pprezenta r-rapport tieghu.

**Godwin Sammut**[53] xehed nhar it-23 t' April, 2012 fejn ikkonferma li gie mahtur bhala espert fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz. Hu kien gie mghoddi flixkun tal-hgieg b'sustanza ta' lewn kannella minn PS 826 nhar is-17 ta' Gunju, 2011. Is-sustanza kienet tigi minn pjanta tal-kannabis, il-piz kien ta' 1.77 grammi u l-putrita' kienet ta' cirka 7.5%. Hu pprezenta r-rapport tieghu.

**Martin Bajada**[54] xehed nhar is-7 ta' Mejju, 2012 fejn qal li gie moghti numru ta' cellulari sabiex johrog il-kontenut minn go fihom. Hu rritorna c-cellulari u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

**Warden G563 Michelle Matilda Cassar**[55] xehedet nhar is-7 ta' Mejju, 2012 fejn qalet li kienet xoghol flimkien ma warden G576 Joseph Scinto, kienu ghaddejin bir-rotta Triq il-Kbira, San Guzepp nizlin ghal Braille Street, huma raw zewg vetturi weqfin f' nofs ta' triq. X'hin nizlu sabiex jaraw x'kien gara, mar persuna fuqhom jghid li hu CID u riedhom jghinuh izomm zewg persuni. Dan ir-ragel kien kollu demm. Sehibha nizel u mar jghinu. Hi cemplet lil ta' fuqha sabiex jibghatu aktar pulizija u marret tidderigi t-traffiku hi. Hi gharfet lil Travis Xuereb bhala wihed mill-persuni li gie arrestat.

---

52 Fol. 291 tal-process.
53 Fol. 318 tal-process.
54 Fol. 338 tal-process.
55 Fol. 386 tal-process.

**<u>PS 1261 Charles Pace</u>**[56] xehed nhar it-2 ta' Lulju, 2012 fejn spjega li nhar is-7 ta' Mejju, 2011 flimkien ma PS 86 kien acceda fuq il-post ta'incindent u fejn inharqet il-Pegout u pprezenta disghin (90) ritratt.

**<u>Dr Richard Sladden</u>**[57] xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2012 u pprezenta kopja tar-relazzjoni tieghu.

Hu ha x-xhieda ta' <u>Diana Tabone</u> nhar is-7 ta' Mejju, 2011, fejn din kkonfermat l-istqarrija li hi kienet taghat lill-pulizija bil-gurament. Hi qalet li dakinhar ghal habta ta' 1pm hi ltaqghet ma habibta Kimberly fejn marret ghaliha d-dar taghha. Minn hemm marru c-cimiterju tal-Addolorata fejn damu sa xi 1.30pm. Wara marru jixtru xi haga x'jieklu minghand il-Queen's u kielu fil-karozza. Ghal xi 3pm lestew u marru ghand habiba ta' Kim bl-isem ta' Naomi li toqghod il-Hamrun. Hi stenniet lil Kim fil-karozza u x'hin nizlet saqet sabiex imorru dawra bil-karozza. Kif mexew u qasmu l-mian road ta' hdejn it-Top Choice fil-Hamrun, dahlet go triq ta' quddiem it-Top Choice u nnutat li kien hemm karozza ssuq warajha u kienet qed trossha. Hi daret fuq Kim u qaltilha b'din il-karozza li qaltilha li dak kien l-ex boyfriend taghha Bradley. It-tnejn ta' qabel hu kien segwiha u rnexxilha tiskapulah. Dakinhar kienet wahidha, izda kienet ghadha kemm telqet minghand Kim. Kim bdiet tippanikja u qaltilha sabiex issuq lejn id-dar taghha. Hi gibdet lejn Santa Venera u bdiet issuq b'certu velocita'. Beda jrosshom u bdiet tibza li kien ser jidhol go fihom. Hin minnhom anke qabizhom. Dak il-hin waqqfet sabiex tipprova ddawwar u nizlet minn fejn il-pompa tal-petrol. Hi u niezla sabet Peugeot ta' kulur ahmar. Beda jsuq bil-mod u kellhom isuqu jzommu warajh. Dak il-hin Kim harget rasha mit-tieqa u qaltlu sabiex ihaffef ghax il-karozza ta' warajhom kienet qed tigri warajhom. Dak il-hin nizel

[56] Fol. 398 tal-process.
[57] Fol. 424 tal-process.

persuna u identifika ruhu bhala CID u qalilhom li ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw u li hu kien ser ikellem lil min kien qed jigri warajhom. Kif rawh sejjer lejhom huma hargu mill-karozza u semghuh jghidilhom li hu pulizija. X'hin hadilhom ic-cavetta mill-ignition, huma hargu mill-karozza. Wiehed minnhom telaq jigri gol-karozza tas-surgent, startja u rriversja bis-sahha gol-karozza taghha. Dak il-hin is-surgent mar jigri lejn il-karozza tieghu, ipprova jwaqqfu u hekk kif prova jidhol mit-tieqa sabiex jiehu c-cavetta saq bih b'kollox. Hin minnhom anke gibed apposta ghal gol-hajt sabiex iweggghu u tahseb li ghafsu mal-hajt ukoll. Dak il-hin is-surgent inqala' u waqa' mil-art. Kif qam mar hdejn Bradly u huh sabiex jarrestahom. Hu Bradley beda jghidlu sabiex ma jweggax lil huh. Dak il-hin ghaddew xi wardens u talbuhom jghinu lis-surgent u hekk ghamlu sakemm waslu aktar pulizija. Mill-guvintur li kienu fl-Escort hi taf biss lil Bradley u ma setghetx tiddeskrivi l-min irriversja fuq il-vettura taghha.

Kimberly Cutajar ikkonfermat dak li xehedet Diana Tabone fil-maggoranza tieghu. Ziedet tghid ukoll illi meta s-surgent hadilhom ic-cavetta u hargu mill-karozza, xi hadd zamm is-surgent minn idu u semghet lis-surgent jghidilhom sabiex ma jmissuhx. Hi cemplet l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun u staqsiet ghal PS1314. Hu ma kienx l-ghassa u ghaddiet rapport ma min kien fuq it-telefon u qalulha li l-pulizija kienu fi triqthom. Dak il-hin hi ma baqghetx issegwi x'qed jigri u x'hin dahlet fil-karozza taf illi wiehed li kien ma Bradly, dahal fil-karozza ta' CID, startja, taghha reverse u saq ghal go fihom b'konsegwenza illi kisser il-karozza ta' Diana minn quddiem. Il-pulizija nduna, pprova jwaqqfu izda min kien qed isuqha saq il-quddiem u l-pulizija baqa' jigri mieghu.kif rah qed jigri mal-genb tal-vettura, dan li kien qed isuq ghamel manuvra bil-karozza billi kiser l-istering lejn in-naha ta' fejn kien hemm is-surgent u rassu mal-hajt. Min kien qed isuq ma hallilux minn fejn setgha johrog. Dak il-hin ippanikjat u cemplet lil missierha u qaltlu sabiex jigi. Kien hemm karozza tal-wardens u talbithom l-ghajnuna wkoll. Ghinuh sakemm gew il-pulizija u gew arrestati Bradley u Travis.

Spjegat kif appart Bradly u Travis, kien hemm x'aktarx certu Keith Cremona. Kien hemm is-raba' guvni li hi ddiskrevit bhala mibrum minn zaqqu, ma tafx kienx Keith Cremona izda hu dak li ha u saq il-vettura tal-pulizija.

PS 430 Andrew St John xehed darbtejn, darba nhar it-8 ta' Mejju, 2011 gewwa l-isptar Mater Dei u darba nhar it-12 ta' Mejju, 2011 gewwa l-ghassa tar-Rabat, Malta. Nhar it-8 ta' Mejju spjega illi l-gurnata ta' qabel kien l-isptar ghax martu kienet rikoverata fl-isptar. Ommu li kienet mieghu riedet tmur id-dar u taghha 'lift' fil-vettura Peugeot 306 li hi propjeta' ta' zitu li tghix Franza. Wassal lil ommu l-Imriehel, kien gej lura l-isptar u kif wasal quddiem il-pompa tal-petrol hdejn l-Istitut ta' San Guzepp, f' Santa Venera, ghaddha mit-triq ta' taht, Triq Braille. Kif kien ghadu hdejn il-pompa tal-petrol fi Triq il-Kbira San Guzepp, mid-direzzjoni opposta tieghu ra u sema vettura ta' kulur abjad gejja b'velocita' 'wrong way' fil-karregjata tieghu.il-vettura kienet gejja mill-Hamrun wiccha lejn l-Imriehel. Hu nnota li din il-karozza l-bajda kienet qed issegwi Honda del sol kulur il-fidda li kienet qed issuq fil-karregata taghha wiccha lejn l-Imriehel. F'din il-Honda kien hemm zewg tfajliet. X'hin resqet iktar vicin setgha jinnota li l-karozza l-bajda kienet Escort u dan lewa' kompletament ghal fuq il-Honda sabiex jitfaha fuq l-akwadott.il-Honda waqfet f'daqqa' u evitat l-impatt tal-Escort. Il-Honda marret warajh fi Triq Braille. Hu waqaf bill-vettura fin-nofs sabiex jassisti lit-tfajliet. Ha c-cavetta tal-Peugeot izda t-twieqi kienu miftuha. Hu pogga c-cavetta fil-but bil-keychain barra. Tfajla minnhom bdiet tghajjat sabiex inehhi l-vettura izda hu qalilhom mill-ewwel li hu surgent tal-pulizija u qalilhom biex jaghlqu l-karozza u jibqghu fiha. L-Escort ghaqqad ir-roti sakemm wasal wara l-Honda u ha brejk f'salt. Hu mar hdejn l-Escort sabiex ma jhallihomx johorgu minnha qalilhom li hu kien surgent tal-pulizija u ordnalhom iwaqqfu l-karozza u jwaddbu c-cavetta mit-tieqa. Ix-xufier offendih u haseb li ser isuq ghal fuqu. Hu dahal nofsu sa qaddu mit-tiqa tax-xufier sabiex johodlu c-cavetta. Il-passigier ta' quddiem kien kollu tpingija, qabadlu wiccu u beda jinbuttah. Ix-xufier saq bih b'kollox b' *reverse*

u saqajh hakket mar-rota u mil-art. lix-xufier qallu li kien ser joqtlu, izda dan irrejzja u tah daqqa' b'irkopptu f' geddumu kif telaq il-clutch. Hu hataf ic-cavetta tal-Escort mill-ignition u l-vettura baqghet tkaxkru sakemm waqfet wahidha izda fl-ebda hin ma zamm brejk. Mill-wara tal-Escort ra guvni hiereg, minn wara l-passigier ta' quddiem u telaq jigri lejn il-Honda. Rah jitbaxxa mil-art u telaq lejn it-tfajliet. Hu beda jghajjat sabiex jindunaw it-tfajliet li nofshom kienu barra u kif dahlu l-gewwa, ldin il-persuna baqghet sejra ghal Peugeot, li l-bieba tieghu ma kienitx maqfula u semghu jistartja. Nduna li c-cavetta ma kienitx fil-but u waqatlu meta kien qed jitkaxkar u li dan kien tbaxxa u gabarha. Dan il-persuna irriversja fuq il-Honda tant li l-Peugeot rikbet fuq il-Honda. Hu gera lejh u dahal sa qaddu gol-Peugeot fuq in-naha tax-xufier izda kif ra hekk is-sewwieq baqa' ghaddej. Beda jimbuttah u lewa l-isteering lejn il-hajt u ghafsu mal-hajt. Hu gibed ic-cavetta mill-ignition izda nqalghet il-keychain biss. Hu telaq idu, il-vettura laqtitu bil-parti tal-kantuniera ta' wara u sabtitu mal-hajt. X'hin qam it-tlieta l-ohra kienu ghadhom hemm, ix-xufier beda jipprova jqaccat in-number plate u t-tnejn l-ohra bdew jipprovaw iffitxu xi haga mil-art. ic-cavetta tal-Escort kienet ghadha ghandu. Hu ha r-road licence tal-Escort mill-Windscreen u l-passigier ta' quddiem harab. Hu pprova jarresta lix-xufier u qallu li kien qed jigi arrestat u dan irrezista u beda jidghi u jitkellem hazin. It-tnejn bdew jissaraw mieghu sabiex il-passigier johodlu c-cavetta mill-but.  Beda jghajjat ghall-ghajjut u giet karozza b'zewg wardens. Hu talab lil warden ir-ragel sabiex jghinu u l-warden il-mara cemplet il-control room. Wara gew ukoll tal-mobile squad. Hu spjega kif sofra minn diversi griehi. Il-Peugeot ta' zitu qal li tiswa €4,000, assigurata ma Peak Insurance. Nhar it-12 ta' Mejju u xtaq izid li hu kapaci jaghraf lil erba' persuni li kienu fl-Escort.

<u>G596 Joseph Sancto</u> spjega illi dakinhar tas-7 ta' Mejju, 2011 hu kien beda xoghol xi 4.00pm u xi 4.30pm kien ghaddej ma G563 li kienet qed issuq il-vettura tas-servizz gewwa Santa Venera fit-triq li taghti ghal gnien Romeo Romano. Ra

Escort bajda u Honda kulur id-deheb u marret tfajla titlobhom l-ghajnuna. Kien hemm membru tas-CID li kellu bzonn l-ghajnuna. Kien hemm guvni li beda jidghi u beda jirrezisti u jipprova jahrab. Hu pprova jghin lill-pulizija, minkejja li l-pulizija qallu sabiex ipoggi mil-art dan ma riedx. Imbghad giet karozza tal-pulizija u gie mmanetjat. Kien hemm guvni iehor irqiq li ma rrezistiex. Hu ra lil dawn iz-zewgt guvintur biss. Il-pulizija kellu xi demm fuq minkbejh jahseb ukoll li kellu xi grif fuq idu x-xellugija. Il-guvni li beda jirrezisti l-arrest kellu xi demm fuq xufftejh.

G563 Michelle Matilde Cassar spjegat li hi bdiet xoghol fl-4.00pm flimkien ma G596. Xi 4.30pm kienet qed issuq il-vettura tal-gwardjani hdejn il-pompa tal-petrol fi Triq il-Kbira, San Guzepp u kif nizlu rat karozza silver f'nofs ta' triq u warajha vettura bajda bin-number plate taghha mghawweg. tfajla qaltilhom li xi hadd ha karozza ta CID u kellu bzonn l-assistenza. Kien hemm persuna li dentifikat ruhha bhala pulizija tas-CID u kien qed izomm guvni twil u li kien liebes flok isfar. Hu ordna lil G596 sabiex jghinu fl-arrest ta' dan il-guvni. Lilha qalilha sabiex icempel lill-pulizija u hi cemplet il-bazi tal-gwardjani. Hi bdiet tidderigi t-ttraffiku u ftit wara gew iktar pulizija. Il-guvni li kien liebes il-flok l-isfar beda jirrezisti l-arrest, filwaqt li l-iehor ma rrezistiex l-arrest.

L-Ispettur Chirs Pullicino esebixxa l-istqarrijiet li hu kien ha lil Diana Tabone u Kimberly Cutajar, flimkien mal-PCR Person Details ta' Keith Cremona.

**Joseph Sancto**[58] xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2012, fejn ikkonferma li nhar is-7 ta' Mejju tas-sena ta' qabel hu kien jahdem bhala warden. Kienet qed issuq il-warden l-ohra u kienu Santa Vera u marret tfajla tigri ssaqsihom ghall-ghajnuna. X'hin waslu fuq il-post jara wiehed li jahseb li kien pulizija jipprova jarresta tifel ta' l-fuq minn tmintax-il sena. Hu qal li ma ra xejn. Hu jghid ukoll li ra l-pulizija

[58] Fol. 510 tal-process.

jipprova jimbuttah ma l-art, mal-hajt. Wardens kienu hu w l-mara li semma biss u fil-prezent ma kienx ghadu jahdem ta' warden.

**Spettur Robert Vella**[59] xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2012 fejn ikkonferma dak li xehed l-Ispettur Pullicino, ikkonferma l-istqarrijiet u l-firem relattivi fuqhom. Ikkonferma wkoll illi hu kien gie nfurmat b'dan l-incident u kien ikkuntatja l-Magistrat tal-ghassa u kienet hatret xi esperti sabiex jassistuha fl-inkjesta.

**Spettur Joseph Mercieca**[60] xehed nhar it-28 ta' Jannar 2013 fejn ikkonferma illi fiz-zewg sentenzi moghtija fil-konfront ta' Clayton Cremona u li gew esebiti mill-Ispettur Pullicino, huwa kien kemm l-ufficjal investigattiv kif ukoll l-ufficjal prosekutur. Hu gharaf lill-appellat Clayton Cremona bhala l-istess akkuzat f'dawk il-kazijiet.

**Bradley Emanuel Xuereb**[61] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2020, fejn qal li jaf lil Clayton Cremona u jafu mill-pjazza l-Hamrun minn meta kienu tfal. F' Mejju, 2011 kien sar incident li ghalih ittiehdu passi kontrih u kontra huh. Hu kellu hafna akkuzi u ma jftakarx ezatt x'kienu, izda jiftakar li klexxja mas-surgent St. John. Ikkonferma li l-proceduri fil-konfront tieghu nqatghu w inghata probation. Dakinhar kienu fil-karozza, hu, huh u Keith Cremona. Huma kienu gejjin mill-Belt, waqfu l-pjazza tal-Hamrun u tela' Clayton mieghu minn fejn il-Gabbana tal-Hamrun. Ghaddiet t-tfajla tieghu, dak iz-zmien Kimberly Cutajar, go karozza ma habiba taghha u saq ghal warajhom. Hu qal li baqa' jsuq warajhom sakemm gew f' punt li kellu jieqaf u gie dan il-bniedem fuqhom li qatt m'identifika ruhhu bhala pulizija il-karozza tieghu ma kienitx tal-pulizija. Hu mar jigri ghal fuqhom, sadanitant nizlu mill-karozza. Nizlu Clayton, Keith u Travis u hu baqa' fil-karozza. Hu ma riedx jinzel, qala c-cavetta u beda jzommha hu. Is-surgent baqa'

[59] Fol. 515 tal-process.
[60] Fol. 534 tal-process.
[61] Fol. 606 tal-process.

jissara mieghu hemmhekk u Keith ghamillu sinjal li kien ser jitlaq u Clayton telaq warajh. X'hin gew il-pulizija beda jghajjat 'Pulizija, pulizija'. Kif ra l-ambulanza literalment imtedd mil-art. hu spjega li arrestaw lilu u lil huh biss.L-Ispettur Pullicino tellghu xi ghoxrin darba sabiex jaghmel l-istatement u qal li dan riedu jitfa' kollox fuq Keith u Clayton u ghalhekk qaghad itellghu w jnizzlu ghax dak li beda jghidlu ma bediex idoqq ghal widnejh. Hu qal li bejn St John u Clayton Cremona u qal li ma ra xejn u qal li t-tfajliet meta xehedu qas biss rawhom. Qal li l-pulizija kienu refghu idejhom fuqu u kien hemm xi certifikati tal-polyclinic li sparixxew. In kontro-ezami qal li b'mod dirett ma kienx mhedded meta ttihdulu l-istqarrijiet. Hu qal li ma rahx riekeb lil Clayton Cremona fil-karozza tas-surgent. Hu nnegga li qal il-kliem kif moqri lilu fit-tieni stqarrija tieghu u cioe' li Clayton Cremona saq il-karozza tas-surgent.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti fliet l-atti processwali kollha, evalwat id-dettalji u d-depozizzjonijiet ta' kull xhud li xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Kif diga' gie ritenut aktar il-fuq, l-ikbar sfida ta' din il-Qorti hija li tikseb il-verita' storika. Xhud kapaci jkun konsisteni kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb. Ghas-skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax verzjonijiet ghal kollox kontrastanti minn xulxin, u mhux biss bejn xhud u iehor izda anke fid-disposizzjonijiet tal-istess xhud f'istanzi differenti.

Sabiex din il-Qorti ssemmi biss ftit sejra tibda billi tirreferi ghax-xhieda tas-surgent Andrew St. John u cioe' PS 430. Quddiem l-espert fl-inkjesta u cioe' nhar it-8 ta' Mejju, 2011 semma kif martu kienet rikoverta l-isptar u ommu li kienet mieghu riedet tmur id-dar u ghalhekk taghha 'lift'. Gimgha wara u cioe' nhar is-16 ta' Mejju, 2011 hu xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi kellu wiehed mir-*relatives* tieghu l-isptar u kien hemm *relative* iehor u qallu ser nitlaq. Sussegwentament

jghid illi dan ir-relative qabad hiereg il-kuritur u beda jghajjatlu sabiex jara kienx tela' b'tal-linja sabiex iwasslu. Peress li dan kien tela' b'tal-linja jghid li mar u tah lift.

Distakkk ghal kollox kontrastanti hu dak tal-warden G596 Joseph Sancto li meta xehed *a tempo vergine* quddiem l-espert fl-inkjesta kien qal li pulizija tas-CID tah l-ordni sabiex jghinu jzomm guvni li beda jirrezisti. Qal ukoll li dan il-guvni beda jidghi u jipprova jahrab mill-pulizija. Ghalkemm il-pulizija qallu sabiex ipoggi bil-qedgha mill-art, dan ma riedx. Nhar il-5 ta' Novembru, 2012 is-Sur Sancto xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn qal li x'hin waslu ra wiehed jipprova jarresta ragel, mistoqsi hu x'ghamel wiegeb 'Xejn hux ghax gew il-pulizija 'l ohrajn'. Hu zied jghid ukoll li ma ra xejn.

Tikkuntrasta wkoll x-xhieda ta' Kimberly Cutajar bejn dak li qalet fl-istqarrija lill-pulizija, f'xhieda taghha lill-espert fl-inkjesta, kif xehedet quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel darbu w t-tieni darba meta xehedet in kontro-ezami. Filwaqt illi li fil-bidu taghat x'tifhem illi kienet imbezza bil-mod ta' kif beda jsuq warajhom Bradly Xuereb, u anke sahansitra l-habiba taghha Diana Tabone xehdet f'dan is-sens, in kontro-ezami hi xehedet illi Bradly beda jsuq warajhom normali u ma kienx sakkarhom.

Bradly Xuereb fit-tieni stqarrija tieghu lill-pulizija kien qal li Clayton Cremona kien li ha u saq il-vettura tas-surgent. Izda wara li nstab hati mill-Ewwel Qorti u sussegwentament xehed fil-proceduri kontra Clayton Cremona, innega ghal kollox dan.

Diane Tabone u Kimberly Cutajar it-tnejn li huma xehedu illi ma jafux min saq il-karozza tas-surgent u sahansitra lanqas biss semmew l-appellat. Ghalhekk il-provi tal-prosekuzzjoni kontra l-appellat Cremona huma fil-fhema ta' din il-

Qorti skarsi u ghalhekk zgur ma jilhqux dak il-grad rikjest mill-ligi u cioe' dak li ma jkunx hemm dubbju dettat mir-raguni. Ghalkemm, huwa fatt illi Clayton Cremona kien passigier fil-vettura tat-tip Escort, il-prosekuzzjoni ma rnexxilix iggib prova l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi dan agredixxa s-Surgent St John jew li saq il-vettura tieghu.

Huwa minnu illi mhux kull kunflitt tal-provi jwassal ghal-liberatorja tal-imputat, madankollu rinfaccata b'dawn l-inkonsistenzi kollha u dan anke fid-dawl tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti jkollha taqbel mal-Ewwel Qorti illi d-dubbju hemm qieghed u kwalunkwe dubbju fil-kamp penali ghandhom jmorru favur l-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha u ghalhekk qeghda tillibera l-appellat minn kull htija u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur